MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2006

Rikors Numru. 75/2006

**Avviz numru  75/06 DM**

**Maltacom p.l.c (C 22334)**

**Vs**

**Anthony Scicluna ID 302466 M**

**Il-Qorti,**

Rat l-svviz permezz ta’ liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma tlett elef, erbgha mija, sitta u sittin lira Maltin u ghoxrin centezmi (LM 3466.20) rapprezentanti ammont dovut minnu in konnessjoni ma’ servizzi telefonici in kwantu ghal tlett elef, mitejn u disgha u ghoxrin lira Maltin u sebgha u erbghin centezmu (LM 3229.47) fuq servizz telefoniku li jgib in-numru 21323956 u in kwantu ghal mitejn u sitta u tletin lira Maltin u hamsa u hamsin centezmu (LM 236.55) fuq servizz telefoniku 21323836 (skond kif jirrizulta mill-

anness mall-avviz Dok A u Dok B). kopja tal-applikazzjoni annessa mall-avviz u mmarkata Dok C.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-presenti u tal-ittra ufficcjali u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat in-nota ta' ammissjoni illi giet ipprezentata mill-konvenut fis-seduta ta' llum.

Rat ukoll il-verbal tas-seduta ta' llum fejn il-kontendenti qablu illi is-sentenza ghandha tkun esegwibbli wara l-iskadenza ta' sentejn mid-data li fiha tinghata.

Ghaldaqstant fuq ammissjoni tilqa' t-talba tar-rikorrenti u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi s-somma mitluba ta' tlett elef, erbgha mija, sitta u sittin lira Maltin u ghoxrin centezmi (LM 3466.20) ghar-ragunijiet indikati fl-istess rikors.

Bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut b' effett minn l-10 ta' Marzu, 2006 ; Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

In oltre l-Qorti tiddikjara illi din is-sentenza tkun tista' tigi esegwita wara l-iskadenza ta' sentejn mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------